SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

13 ta' Novembru 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Restrizzjonijiet – Servizzi fis-suq intern – Direttiva 2006/123/KE – Dritt industrijali – Kollokament ta' ħaddiema sabiex jitwettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni – Dikjarazzjoni tal-ħaddiema – Konservazzjoni u traduzzjoni ta' skedi ta' ħlas – Sospensjoni tal-pagamenti – Ħlas ta' garanzija mid-destinatarju ta' servizzi – Garanzija għal multa eventwali imposta fuq il-fornitur ta' servizzi"

Fil-Kawża C-33/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bezirksgericht Bleiburg/Okrajno Sodišče Pliberk (il-Qorti Distrettwali ta' Bleiburg, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Jannar 2017, fil-proċedura

Čepelnik d.o.o.

vs

Michael Vavti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, A. Arabadjiev, M. Vilaras, E. Regan u C. Toader, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, E. Juhász, L. Bay Larsen (Relatur), M. Safjan, D. Šváby, C. G. Fernlund u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Frar 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Čepelnik d.o.o., minn R. Grilc, R. Vouk, M. Škof u M. Ranc, Rechtsanwälten, kif ukoll minn M. Erman, odvetnica,

– għall-Gvern Awstrijak, minn G. Hesse, bħala aġent,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Pavliš u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier u R. Coesme, bħala aġenti,

* Lingwi tal-kawża: il-Ġermaniż u s-Sloven.

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Tátrai, Z. Fehér u G. Koós, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Gvern Sloven, minn A. Grum, bħala aġent,

– għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kellerbauer, L. Malferrari u M. Kocjan, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE u tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU 2014, L 159, p. 11).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Čepelnik d.o.o. u Michael Vavti dwar il-ħlas ta' somma ta' EUR 5 000 li hija titlob mingħand dan tal-aħħar b'eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' xogħlijiet.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 7 u 14 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36) huma fformulati kif ġej:

"(7) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ġenerali legali li jkun ta' vantaġġ għal varjetà wiesgħa ta' servizzi filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi distintivi ta' kull tip ta' attività jew professjoni u s-sistema tagħha ta' regolamentazzjoni. […] Għandu jsir provvediment għal taħlita ta' miżuri bilanċjata li tinvolvi armonizzazzjoni immirata, kooperazzjoni amministrattiva, id-disposizzjoni dwar il-libertà ta' forniment ta' servizzi u inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta dwar ċerti kwistjonijiet. Dik il-koordinazzjoni ta' sistemi nazzjonali leġislattivi għandha tiżgura livell għoli ta' integrazzjoni legali Komunitarja u livell għoli ta' ħarsien ta' l-għanijiet ġenerali ta' interess, speċjalment il-ħarsien tal-konsumaturi, li huwa vitali sabiex tiġi stabbilita fiduċja bejn l-Istati Membri. Din id-Direttiva tqis ukoll għanijiet oħrajn ta' interess ġenerali, inkluż il-ħarsien ta' l-ambjent, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika kif ukoll il-bżonn li jkun hemm konformità mal-liġi tax-xogħol.

[…]

(14) Din id-Direttiva ma taffettwax it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, inklużi perjodi ta' xogħol massimi u perjodi ta' serħan minimi, il-minimu tal-vaganzi annwali mħallsin, ir-rata minima ta' ħlas kif ukoll saħħa, sigurtà u iġjene fil-post tax-xogħol, li l-Istati Membri japplikaw f'konformità mad-dritt Komunitarju, lanqas ma taffettwa relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali, inklużi d-drittijiet biex tinnegozja jew tikkonkludi ftehim kollettivi, id-dritt li tistrajkja u li tieħu

azzjonijiet industrijali skond il-liġi u l-prattika nazzjonali li jirrispettaw il-liġi Komunitarja u lanqas ma tapplika għal servizzi pprovduti mill-aġenziji ta' xogħol temporanju. Din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri."

4 L-Artikolu 1(6) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Din id-Direttiva ma taffettwax il-liġi ta' l-impjieg, jiġifieri kwalunkwe dispożizzjoni legali jew kuntrattwali dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u r-relazzjoni bejn min jimpjega u l-ħaddiema, li l-Istati Membri japplikaw skond il-liġi nazzjonali li tirrispetta l-liġi Komunitarja. Ugwalment din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri."

Id-dritt Awstrijak

5 L-Artikolu 7b tal-Arbeitsvertragsrechts-Anpassungsgesetz (il-Liġi li Tadatta l-Liġi dwar il-Kuntratti ta' Impjieg, BGBl., 459/1993), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"AVRAG"), jipprevedi, fil-paragrafi 3 u 8 tiegħu:

"3. Il-persuni li jimpjegaw skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandhom jiddikjaraw l-impjieg tal-ħaddiema li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom fl-Awstrija bil-għan li jwettqu xogħol hemmhekk mhux iktar tard minn ġimgħa qabel ma jinbeda x-xogħol mal-Uffiċċju Ċentrali għall-Kontroll ta' Impjieg Illegali […]

[…]

8. Kull min, bħala persuna li timpjega skont it-tifsira tal-paragrafu 1

1. jonqos milli jagħmel, jew jonqos milli jagħmel f'waqtu jew b'mod sħiħ, bi ksur tal-paragrafu 3, id-dikjarazzjoni inizjali jew id-dikjarazzjoni b'rabta ma' bidliet ex-post (dikjarazzjoni ta' emenda) […]

[…]

iwettaq ksur amministrattiv u għandu jeħel multa mill-awtorità amministrattiva reġjonali għal kull ħaddiem ikkonċernat […]"

6 L-Artikolu 7i(4) tal-AVRAG huwa fformulat kif ġej:

"Kull min

1. bħala persuna li timpjega skont it-tifsira tal-Artikoli 7, 7a(1), jew 7b(1) u (9), ma jagħmilx disponibbli d-dokumentazzjoni dwar il-pagi bi ksur tal-Artikolu 7d

[…]

iwettaq ksur amministrattiv u għandu jeħel multa mill-awtorità amministrattiva reġjonali għal kull impjegat ikkonċernat […]"

7 L-Artikolu 7m tal-AVRAG jipprevedi:

"1. Fil-każ ta' suspett raġonevoli ta' ksur amministrattiv skont l-Artikoli 7b(8), 7i jew 7k(4), u fil-każ li, minħabba ċerti ċirkustanzi, ikollu jiġi preżunt li l-prosegwiment jew l-infurzar tas-sanzjonijiet ikun impossibbli jew sostanzjalment iktar diffiċli għal motivi relatati mal-persuna tal-persuna li timpjega

(il-kuntrattur) jew mal-kumpannija li tipprovdi ħaddiema, il-korpi tal-awtoritajiet tat-taxxa, flimkien ma' investigazzjonijiet skont l-Artikolu 7f u mal-Fond għal Btajjel bi Ħlas u Tkeċċija ta' Ħaddiema tal-Bini, jistgħu jeħtieġu bil-miktub mill-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet, fil-każ tal-provvista ta' ħaddiema, lill-persuna li timpjega, li ma tħallasx il-prezz tax-xogħol li jkun għadu dovut jew ir-remunerazzjoni għall-provvista tax-xogħol li tkun għadha dovuta jew parti minn dik is-somma (sospensjoni ta' pagamenti). […]

[…]

3. Fil-każ ta' suspett raġonevoli ta' ksur amministrattiv skont l-Artikoli 7b(8), 7i jew 7k(4), u fil-każ li, minħabba ċerti ċirkustanzi, ikollu jiġi preżunt li l-prosegwiment jew l-infurzar tas-sanzjonijiet ikun impossibbli jew sostanzjalment iktar diffiċli għal motivi relatati mal-persuna tal-persuna li timpjega (il-kuntrattur) jew mal-kumpannija li tipprovdi ħaddiema, l-awtorità amministrattiva reġjonali tista' permezz ta' deċiżjoni teħtieġ lill-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet, fil-każ tal-provvista ta' ħaddiema, lill-persuna li timpjega, tħallas il-prezz tax-xogħol li jkun għadu dovut jew ir-remunerazzjoni għall-provvista li tkun għadha dovuta jew parti minn dik is-somma bħala garanzija f'perijodu raġonevoli ta' żmien. […]

[…]

5. Il-ħlas skont il-paragrafu 3 għandu jkollu l-effett li jeħles lill-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet jew lill-persuna li timpjega mid-dejn tagħha fil-konfront tal-kuntrattur jew tal-kumpannija li tipprovdi ħaddiema.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Čepelnik hija kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita fis-Slovenja.

9 Din il-kumpannija kkonkludiet kuntratt ta' xogħlijiet ma' M. Vavti għat-twettiq ta' servizzi ta' kostruzzjoni fid-dar ta' dan tal-aħħar, li tinsab fl-Awstrija, għal ammont totali ta' EUR 12 200.

10 Huma qablu dwar ħlas bil-quddiem ta' EUR 7 000 li tħallas minn M. Vavti.

11 Fis-16 ta' Marzu 2016, il-Finanzpolizei/Finančna policija (il-Pulizija Finanzjarja, l-Awstrija) wettqet spezzjoni fuq is-sit tal-bini u sabet, min-naħa, li l-impjieg ta' żewġ ħaddiema kkollokati hemmhekk ma kienx ġie ddikjarat minn Čepelnik lill-organu nazzjonali kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 7b(8)(1) tal-AVRAG, moqri flimkien mal-Artikolu 7b(3) tal-AVRAG, u, min-naħa l-oħra, li din il-kumpannija ma kinitx għamlet disponibbli bil-Ġermaniż id-dokumenti dwar il-pagi għal erba' ħaddiema kkollokati hemmhekk, bi ksur tal-Artikolu 7i(4)(1) tal-AVRAG, moqri flimkien mal-ewwel żewġ sentenzi tal-Artikolu 7d(1) tal-AVRAG.

12 Wara din il-konstatazzjoni, il-Pulizija Finanzjarja obbligat lil M. Vavti li jissospendi l-pagamenti għax-xogħol ikkonċernat. Barra minn hekk, hija talbet lill-Bezirkshauptmannschaft Völkermarkt/Okrajno glavarstvo Velikovec (l-Awtorità Amministrattiva Distrettwali ta' Völkermarkt, l-Awstrija) sabiex tordna lil dan tal-aħħar li jħallas garanzija għal ammont ekwivalenti għall-prezz li kien għadu dovut għax-xogħlijiet, jiġifieri EUR 5 200.

13 Fis-17 ta' Marzu 2016, l-Awtorità Amministrattiva Distrettwali ta' Völkermarkt laqgħet din it-talba u imponiet fuq M. Vavti l-ħlas ta' garanzija ta' EUR 5 200, bħala garanzija għal kwalunkwe multa li tista' tiġi istitwita kontra Čepelnik fil-kuntest ta' proċedura sussegwenti. M. Vavti ma appellax minn din id-deċiżjoni u ħallas din il-garanzija fl-20 ta' April 2016.

14 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-11 u tat-12 ta' Ottubru 2016, Čepelnik kienet immultata rispettivament EUR 1 000 u EUR 8 000 għal żewġ ksur amministrattivi allegati mill-Pulizija Finanzjarja matul l-ispezzjoni tas-16 ta' Marzu 2016. Fit-2 ta' Novembru 2016, Čepelnik appellat minn dawn id-deċiżjonijiet. Dawn l-appelli kienu għadhom pendenti fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju.

15 Wara li tlesta x-xogħol, Čepelnik talbet li M. Vavti jħallasha ammont ta' EUR 5 000. Billi dan tal-aħħar ma ħallasx din is-somma, Čepelnik ressqet proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju.

16 Quddiem il-qorti tar-rinviju, M. Vavti jsostni li, billi ħallas garanzija ta' EUR 5 200 lill-Awtorità Amministrattiva Distrettwali ta' Völkermarkt, huwa ma kienx iktar responsabbli għall-ħlas ta' din is-somma lil Čepelnik. Fil-fatt, konformement mal-leġiżlazzjoni Awstrijaka applikabbli, il-ħlas ta' din il-garanzija kellu effett liberatorju.

17 Huwa f'dan il-kuntest li l-Bezirksgericht Bleiburg/Okrajno Sodišče Pliberk (il-Qorti Distrettwali ta' Bleiburg, l-Awstrija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva [2014/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil Stat Membru milli jimponi fuq xerrej [persuna li tqabbad ix-xogħlijiet] ta' dak l-istess Stat sospensjoni tal-pagamenti u l-ħlas ta' depożitu għal somma ugwali għall-ammont li għadu dovut, jekk il-projbizzjoni tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u l-ħlas tad-depożitu jservu biss bħala garanzija għal eventwali multa, li tiġi imposta biss mat-tmiem ta' proċedura separata fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor?

2) F'każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:
   a) L-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva [2014/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil Stat Membru milli jimponi fuq xerrej ta' dak l-istess Stat sospensjoni tal-pagamenti u l-ħlas ta' depożitu għal somma ugwali għall-ammont li għadu dovut, meta l-fornitur tas-servizz stabbilit fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, li fil-konfront tiegħu għandha tiġi imposta multa, ma jkollu ebda rimedju kontra d-deċiżjoni li timponi l-ħlas tad-depożitu fil-kuntest tal-proċedura relattiva għad-depożitu stess, u ma jiġi rrikonoxxut lilu ebda effett sospensiv għar-rikors ippreżentat mix-xerrej nazzjonali kontra tali deċiżjoni?
   b) L-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva [2014/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil Stat Membru milli jimponi fuq xerrej [persuna li tqabbad ix-xogħlijiet] ta' dak l-istess Stat sospensjoni tal-pagamenti u l-ħlas ta' depożitu għal somma ugwali għall-ammont li għadu dovut [għax-xogħlijiet] għas-sempliċi raġuni li l-fornitur tas-servizz huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor?
   c) L-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva [2014/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil Stat Membru milli jimponi fuq xerrej [persuna li tqabbad ix-xogħlijiet] ta' dak l-istess Stat sospensjoni tal-pagamenti u l-ħlas ta' depożitu għal somma ugwali għall-ammont li għadu dovut [għax-xogħlijiet], għalkemm l-ammont dovut lill-fornitur għadu ma huwiex eżiġibbli u għalkemm l-ammont definittiv tal-ammont dovut għadu ma huwiex iddefinit peress li jeżistu krediti [kontrokrediti] oħra u privileġġi [drittijiet ta' retenzjoni]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

18 Il-Gvern Awstrijak isostni, l-ewwel nett, li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli minħabba li risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari ma hijiex neċessarja sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha fil-kawża prinċipali.

19 Huwa jsostni, f'dan ir-rigward, li d-domandi preliminari jikkonċernaw proċedura amministrattiva li fil-kuntest tagħha jiġi impost fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet is-sospensjoni tal-pagamenti u l-ħlas ta' garanzija, filwaqt li l-qorti tar-rinviju hija adita biss b'azzjoni ċivili dwar il-prezz li kien għadu dovut għax-xogħlijiet wara l-ħlas ta' din il-garanzija. Issa, fil-kuntest ta' din il-proċedura tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju għandha tillimita ruħha li tieħu inkunsiderazzjoni l-effett liberatorju għall-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet ikkonċernata tal-ħlas tal-garanzija li ġie impost fuqha, mingħajr ma tkun tista' timmodifika jew tannulla d-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' din il-garanzija. Deċiżjoni bħal din tista' biss tiġi kkontestata fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva distinta.

20 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni li għandha tevalwa, fid-dawl tać-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun fil-pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein, C-210/16, EU:C:2018:388, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Minn dan isegwi li d-domandi b'rabta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest tal-qafas regolamentari u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, u li l-eżattezza tagħhom ma għandhiex tiġi vverifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kawża prinċipali hija relatata mill-qrib mal-effetti tal-miżuri li huma s-suġġett tad-domandi preliminari, sa fejn ir-risposta għad-domanda dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mad-dritt tal-Unjoni jista' jkollha effett fuq l-eżitu ta' din it-tilwima. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tesponi li M. Vavti mmotiva r-rifjut tiegħu, li ta lok għall-imsemmija tilwima, li jħallas lil Čepelnik is-somma ta' EUR 5 000 li tikkorrispondi mal-ammont li kien għadu dovut għax-xogħlijiet, mill-fatt li, skont l-Artikolu 7m(5) tal-AVRAG, il-ħlas ta' garanzija ta' EUR 5 200 li kienet ġiet imposta fuqu abbażi tal-Artikolu 7m(3) ta' din l-istess liġi kellu l-effett li jeħilsu mid-dejn tiegħu fir-rigward ta' Čepelnik.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

24 Barra minn hekk, peress li l-argument tal-Gvern Awstrijak dwar l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari huwa parzjalment ibbażat fuq il-fatt li d-dritt nazzjonali ma jawtorizzax lill-qorti tar-rinviju li tieħu, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, deċiżjoni dwar il-multi imposti fuq Čepelnik, għandu jitfakkar li, sa fejn, fil-kuntest ta' proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali taqa' esklużivament taħt din il-qorti (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler et, C-62/14, EU:C:2015:400, punt 28), dan l-argument ma huwiex biżżejjed sabiex jikkonfuta l-preżunzjoni ta' rilevanza evokata fil-punt 21 ta' din is-sentenza.

25 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

26 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva 2014/67 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet stabbilita f'dan l-Istat Membru li tissospendi l-pagamenti lill-parti kontraenti tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, jew anki li tħallas garanzija għal ammont ekwivalenti għall-prezz tax-xogħol li għad irid jitħallas, sabiex tiżgura l-ħlas ta' eventwali multa li tista' tiġi imposta fuq din il-parti kontraenti fil-każ ta' ksur ikkonfermat tad-dritt industrijali tal-ewwel Stat Membru.

Osservazzjonijiet preliminari

27 Għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja jista' jiġi dedott li d-Direttiva 2014/67, li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha kien skada, konformement mal-Artikolu 23 tagħha, fit-18 ta' Ġunju 2016, ġiet trasposta fid-dritt Awstrijak permezz ta' liġi li ġiet adottata fix-xahar ta' Ġunju 2016, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017. Issa, peress li l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħew fix-xahar ta' Marzu 2016, id-Direttiva 2014/67 ma hijiex applikabbli għalihom u għalhekk ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi preliminari sa fejn dawn jirreferu għal din id-direttiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014, De Clercq et, C-315/13, EU:C:2014:2408, punti 49 sa 51).

28 Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sostnew li din għandha wkoll tibbaża r-risposta tagħha għad-domandi preliminari fuq id-Direttiva 2006/123.

29 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(6) ta' din id-direttiva, din "ma taffettwax il-liġi ta' l-impjieg".

30 Skont din l-istess dispożizzjoni, il-kunċett ta' "liġi ta' l-impjieg" [dritt industrijali], fis-sens tal-imsemmija direttiva, ikopri d-dispożizzjonijiet legali jew kuntrattwali dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u r-relazzjonijiet bejn il-persuni li jimpjegaw u l-ħaddiema, li l-Istati Membri japplikaw konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li tosserva d-dritt tal-Unjoni.

31 L-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2006/123, moqri fid-dawl tal-premessa 14 ta' din id-direttiva, jiddefinixxi għalhekk il-kunċett ta' "liġi ta' l-impjieg" b'mod wiesa'.

32 Din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxi ebda distinzjoni bejn, minn naħa, ir-regoli sostantivi fil-qasam tad-dritt industrijali u, min-naħa l-oħra, ir-regoli dwar il-miżuri previsti sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn ir-regoli sostantivi u dawk intiżi sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sanzjonijiet imposti f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regoli.

33 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, kif jirriżulta mill-premessa 7 ta' din id-direttiva, bl-adozzjoni tagħha, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiżgura l-osservanza ta' bilanċ bejn, minn naħa, l-għan li jiġu eliminati l-ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment tal-fornituri kif ukoll għall-moviment liberu tas-servizzi u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari n-neċessità li jkun hemm konformità mad-dritt industrijali (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Femarbel, C-57/12, EU:C:2013:517, punt 39).

34 Issa, l-istabbiliment, minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' miżuri disswaživi sabiex tiġi ggarantita l-osservanza ta' regoli sostantivi dwar id-dritt industrijali u ta' regoli sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sanzjonijiet imposti f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regoli sostantivi jikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-għan ta' interess ġenerali li jikkostitwixxi n-neċessità li jkun hemm konformità mad-dritt industrijali.

35 Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "dritt industrijali", fis-sens tal-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2006/123, jinkludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

36 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi konkluż li d-Direttiva 2006/123 ma hijiex applikabbli għal miżuri bħal dawk previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, filwaqt li madankollu jiġi ppreċiżat li, skont l-Artikolu 1(6) tagħha, din il-konklużjoni ma teżentax milli jiġi vverifikat jekk tali leġiżlazzjoni hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 56 TFUE, kif imsemmi fid-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

Fuq ir-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

37 Qabelxejn għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jostakolaw jew irendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà għandhom jitqiesu bħala restrizzjonijiet għal-liberta' li jiġu pprovduti servizzi (sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Vanderborght, C-339/15, EU:C:2017:335, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 56 TFUE jagħti drittijiet mhux biss lill-fornitur tas-servizzi nnifsu, iżda wkoll lid-destinatarju tal-imsemmija servizzi (sentenzi tat-18 ta' Ottubru 2012, X, C-498/10, EU:C:2012:635, punt 23, kif ukoll tat-3 ta' Diċembru 2014, De Clercq et, C-315/13, EU:C:2014:2408, punt 52).

39 Issa, għandu jiġi kkonstatat li miżuri, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet is-sospensjoni tal-pagamenti dovuti lill-parti kontraenti tagħha u l-ħlas ta' garanzija ta' ammont ekwivalenti għall-prezz li kien għadu dovut għax-xogħlijiet f'każ ta' suspett raġonevoli ta' ksur amministrattiv, min-naħa tal-fornitur ta' servizzi, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tad-dritt industrijali jistgħu jiddisswadu kemm lill-persuni li jqabbdu xogħlijiet tal-Istat Membru kkonċernat milli jirrikorru għal fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u kemm lil dawn tal-aħħar milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lil dawk tal-ewwel.

40 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 37 u 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali miżuri jistgħu, b'mod partikolari, minn naħa, jantiċipaw il-mument meta d-destinatarju tas-servizzi kkonċernat huwa obbligat li jħallas l-ammont dovut għax-xogħlijiet u b'hekk iċaħduh mill-possibbiltà li jżomm, kif normalment tipprevedi l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, parti minn dan l-ammont bħala kumpens f'każ ta' twettiq difettużi jew tardiv tax-xogħlijiet. Min-naħa l-oħra, dawn l-istess miżuri huma ta' natura li jċaħdu lill-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra mid-dritt li jitolbu lill-klijenti Awstrijaċi tagħhom li jħallsu l-ammont ikkonċernat li kien għadu dovut għax-xogħlijiet u jesponuhom għalhekk għal riskju ta' ħlas tardiv.

41 Konsegwentement, miżuri bħal dawk previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fuq il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

42 Minn ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw jew irendu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE jistgħu madankollu jiġu ammessi sakemm dawn jissodisfaw raġunijiet imperattivi ta'

interess ġenerali, li jkunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan imfittex minnhom u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jilħquh (sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Lahorgue, C-99/16, EU:C:2017:391, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan il-każ, il-Gvern Awstrijak jikkunsidra li r-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ġġustifikata mill-għanijiet ta' protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kif ukoll mill-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment dik soċjali, u mill-prevenzjoni tal-abbużi.

44 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kif ukoll il-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment dik soċjali, u l-prevenzjoni tal-abbużi huma għanijiet li jinsabu fost in-numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-577/10, EU:C:2012:814, punt 45, kif ukoll tat-3 ta' Diċembru 2014, De Clercq et, C-315/13, EU:C:2014:2408, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Miżuri bħal dawk previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li tiġi żgurata l-effettività tas-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq fornitur ta' servizzi f'każ ta' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar id-dritt industrijali, jistgħu jitqiesu bħala adattati sabiex jiġi ggarantit it-twettiq ta' tali għanijiet.

46 Fir-rigward tal-proporzjonalità ta' tali leġiżlazzjoni fir-rigward ta' dawn l-għanijiet, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li din tipprevedi l-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet is-sospensjoni tal-pagamenti tagħha lill-fornitur ta' servizzi kif ukoll il-ħlas ta' garanzija sal-ammont dovut għax-xogħol li għad irid jitħallas abbażi tal-eżistenza ta' "suspett raġonevoli ta' ksur amministrattiv" tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tad-dritt industrijali. Għalhekk, din il-leġiżlazzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' tali miżuri anki qabel ma jkun ġie kkonstatat mill-awtorità kompetenti ksur amministrattiv li jiżvela frodi, b'mod partikolari dik soċjali, abbuż jew prassi ta' natura li tippreġudika l-protezzjoni tal-ħaddiema.

47 Sussegwentement, din l-istess leġiżlazzjoni ma tipprevedix li l-fornitur ta' servizzi li fir-rigward tiegħu hemm tali suspett raġonevoli jista', qabel l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri, iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-fatti li huma allegati fil-konfront tiegħu.

48 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-ammont tal-garanzija li tista' tiġi imposta fuq id-destinatarju tas-servizzi kkonċernat jikkorrispondi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għall-ammont li kien għadu dovut għax-xogħlijiet fil-mument tal-adozzjoni ta' din il-miżura. Peress li l-ammont ta' din il-garanzija jista' b'hekk jiġi ffissat mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr teħid inkunsiderazzjoni ta' eventwali difetti ta' kostruzzjoni jew nuqqasijiet oħra tal-fornitur ta' servizzi fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' xogħlijiet, dan l-ammont jista' jaqbeż, skont il-każ b'mod kunsiderevoli, l-ammont li normalment ikollha tħallas il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet ikkonċernata wara li jitlestew ix-xogħlijiet.

49 Għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fit-tliet punti preċedenti, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha titqies bħala leġiżlazzjoni li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu għanijiet ta' protezzjoni tal-ħaddiema kif ukoll ta' ġlieda kontra l-frodi, partikolarment dik soċjali, u l-prevenzjoni tal-abbużi.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet stabbilita f'dan l-Istat Membru li tissospendi l-pagamenti lill-parti kontraenti tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, jew anki li tħallas garanzija għal ammont ekwivalenti

għall-prezz li jkun għadu dovut għax-xogħlijiet, sabiex jiġi żgurat il-ħlas tal-eventwali multa li tista' tiġi imposta fuq din il-parti kontraenti fil-każ ta' ksur ikkonfermat tad-dritt industrijali tal-ewwel Stat Membru.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet stabbilita f'dan l-Istat Membru li tissospendi l-pagamenti lill-parti kontraenti tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, jew anki li tħallas garanzija għal ammont ekwivalenti għall-prezz li jkun għadu dovut għax-xogħlijiet, sabiex jiġi żgurat il-ħlas tal-eventwali multa li tista' tiġi imposta fuq din il-parti kontraenti fil-każ ta' ksur ikkonfermat tad-dritt industrijali tal-ewwel Stat Membru.

Firem